# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI(MALTA)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL. D

**Illum it-Tnejn 16 ta' Lulju, 2001**

**Il-Pulizija**
**(spettur Anthony Cassar)**
**(spettur Paul Bond)**

**vs**

**Anthony Bezzina**

**Kumpilazzjoni numru 219/92**

## Il-Qorti,

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar sentejn u cioe qabel ix-xahar ta' Marzu, 1992:

1. Ikkommetta serq ta' cheque book mahrug mill-fergha tal-Bank of Valletta ta' Guze D'Amato street, Paola li jgib in-numru 000593 f'isem J. Meli mill-Krispen Footwear Limited, sitwata f'numru B19 B Bulebel Industrial Estate Zejtun.

2. Xjentement laqa ghandu, fl-istess zminijiet u cirkostanzi, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh fl-ammont li jeccedi l-LM1,000 bi hsara ta' haddiehor u cioe ghad-dannu tas-sur Joseph Grech Sant minn H'Attard li huwa d-direttur tal-kumpannija bl-isem ta' Central Meditterranean Products Limited li qieghda f'Mill street, hal Qormi billi ffalsifika cheque f'isem J Meli.

4. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkela billi zied jew biddel il-klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

5. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 80 tal-istess atti li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub:

a) fl-Artikoli 261 (b) (f), 263, 264, 265, 266, 270, 278 (1) (2), 20 tal-Kodici Kriminali;

b) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;

c) Fl-Artikoli 308, 309 tal-Kodici Kriminali

d) Fl-Artikoli 183, 184, u 533 tal-Kodici Kriminali;

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol 81 tal-istess atti.)

Ikkunsidrat

Illi l-ufficjal prosekutur (a fol 17 et seq ibid) spjega li fis-16 ta' Marzu, 1992, Joseph Grech Sant, Direttur tal-kumpannija Central Meditterranean Products Limited, b'fabbrika gewwa hal Qormi kien informah illi fit-22 ta' Frar, 1992, kien avvicinah l-istess akkuzat li qallu li jismu Joseph Meli minn hal Qormi. Hawnhekk l-akkuzat kien ordna minghandu kwantita ta' laned taz-zebgha sabiex jkun jista jesegwixxi 'tender' li kien ha minghand il-Gvern sabiex jizbogh diversi postijiet f'Malta. Fl-istess gurnata, l-akkuzat kien akkwista zebgha b'valur ta' LM290 liema zebgha giet mghobbija fuq truck bl-ghajnuna ta' persuna ohra li kienet qed takkumpanja lill-akkuzat u li baqghet anonima.

Mal-konsenja inharget invoice iffirmata minn J. Meli.

Sussegwentement, l-akkuzat, akkumpanjat minn persuna ohra, fit-3 ta' Marzu, 1992 kien ghamel ordni ohra, din id-darba b'valur ta' LM602.50. In oltre, din id-darba, l-akkuzat kien qed juza van bin-numri F7298 registrat fuq Emanuel Farrugia minn haz Zebbug.

F'okkazjoni ohra, cioe fil-5 ta' Marzu, 1992, l-akkuzat xtara zebgha u 'sealer' b'valur ta' LM535 waqt li ghall-ahhar darba fit-13 ta' Marzu, 1992 l-akkuzat ghamel xirja ulterjuri, dejjem ta' zebgha, b'valur ta' LM375.

Jidher li f'kull okkazjoni inharget invoice fuq isem J. Meli, bhal ma kien gara fl-ewwel xirja.

In rigward pagament, l-istess Joseph Grech Sant kien qal lill-ufficjal prosekutur li fl-ewwel okkazjoni, l-akkuzat kien hareg cheque numru 000593 ghall-ammont ta' LM300 fuq il-fergha ta' Rahal Gdid tal-Bank of Valletta Limited, liema cheque kien 'post datet' b'data ta' maturita tat-28 ta' Frar, 1992 u kien iffirmat "J. Meli" bhala pagatur. Jidher li l-istess cheque kien jirreferi ghal u mahrug fuq kont bankarju numru 17306864027.

Hawnhekk, minhabba li l-istess Joseph Grech Sant beda jkollu xi suspett dwar l-akkuzat, hu ghamel indagini in konnessjoni ma' J Meli u l-indirizz moghti minn dan bhala ir-residenza tieghu kif ukoll in rigward il-kont bankarju hawn fuq imsemmi.

Difatti jidher li dan il-kont kien ta' certu Joseph Meli, direttur tad-ditta Krispen Footwear Limited b'fabbrika sitwata f'Bulebel, Zejtun. Meta il-pulizija baghtu ghall-istesss Meli, dan kien informahom li c-cheque book hawn fuq imsemmi kien insteraq, ossija instab nieqes, ghall-habta tal-Milied tal-1990, ma' oggetti ohrajn, in rigward liema cheque book, pero, ma kien sar l-ebda 'stop payment' u ma instabx rapport maghmul lill-pulizija li kien insteraq.

Sussegwentement, l-ufficjal prosekutur wara li hu baghat ghall-akkuzat, dan stqarr verbalment mieghu, li hu kien xtara z-zebgha imsemmija b'valur aktar minn elf lira maltin, li hu ma kienx hallas il-prezz ta' din iz-zebgha, li kien minnu li kien hareg cheque wiehed ghal-ammont ta' LM300, liema cheque kien diga iffirmat minn certu J Meli u skond l-akkuzat kien inghata lilu in konnessjoni ma konsenja ta' gebel li saret mill-istess akkuzat li jiggestixxi barriera.

In oltre, l-akkuzat kien irrilaxxa zewg stqarrijiet bil-miktub li jinsabu annessi mal-atti a fol 28 u 30 u immarkati Dok AC1 u Dok AC2 (ara infra).

In oltre, il-pulizija sabet il-hwienet fejn l-istess zebgha kienet ittiehdet minn Emmanuel Farrugia, fuq inkarigu tal-akkuzat u z-zebgha kollha misjuba giet elevata mill-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn tal-akkuzi u ta' dak kollu premess gew prodotti s-segwenti provi:

a. <u>L-istess Joseph Grech Sant</u> (fol 36 u 47 et seq ibid). Dan irrakonta kif fi Frar, 1992 kien gie ghandu l-akkuzat li ppresenta ruhu bl-isem "Joseph Meli" residenti f'certu indirizz. Hawnhekk ix-xhud ikkonsenja zebgha lill-akkuzat, li da parti tieghu ta cheque lix-xhud, "<u>liema cheque kien iffirmat quddiemi mill-istess imputat bl-isem ta' Joseph Meli li semmejt", </u>wara li inhareg minn cheque book. L-istess cheque jinsab esebit in atti a fol 44 u mmarkat <u>Dok JGS.</u> Ix-xhud spjega ulterjorment li kien hu stess li kiteb dan ic-cheque waqt li dan gie 'post dated' fuq talba tal-akkuzat stess. In rgward il-premess, l-akkuzat kien spjegalu li kellu bzonn kwantita kbira ta' zebgha peress li "kien ghadu kemm ha kuntratt mal-Gvern". Di fatti kien mar ghand ix-xhud, dejjem ghall-istess raguni, madwar hames jew sitt darbiet u f'kull okkazjoni, ma kull konsenja kien jinhareg 'invoice', b'kopja iffirmata mill-akkuzat tinzamm mix-xhud (ara id-dokument a fol 49 tal-atti). Pero in rigward ic-cheque imsemmi, matul il-perjodu tal-konsenji ta' zebgha, l-akkuzat kien, anke wara ftit granet mill-konsenja, jitolbu sabiex ma jippruvax isarrfu, stante li hu, l-akkuzat, ma kienx ircieva pagament in konnessjoni ma' xoghol iehor. Hawnhekk ix-xhud jidher li beda jissusspetta hazin, minhabba li fl-ahhar okkazjoni, l-akkuzat kien tah indirizz xi ftit difettuz minn dak precedenti. Di fatti, hu sab li l-indirizz moghti lilu mill-akkuzat ma kienx jezisti. In oltre, in rigward l-istess cheque moghti lilu mill-akkuzat, waqt l-ewwel konsenja, kien gie informat mill-bank involut "sabiex noqghod attent". Ghalhekk hu kompla jaghmel ir-ricerki tieghu sakemm sab minn kien verament 'J. Meli' ossija l-akkuzat odjern.

b. <u>Henry Galea</u> (fol 50 et seq ibid) impjegat bhala accountant mad-ditta Krispen Footwear Limited ikkonferma li f'Dicembru 1990 kien insteraq, ma' oggetti ohra, cheque book appartenenti lil Joseph Meli, direttur tal-imsemmija ditta. In rigward dan ic-cheque book misruq, li kellu madwar 68 cheques mhux uzati meta insteraq, ma kien sar ebda 'stop payment'. In oltre ix-xhud eskluda li c-cheque esebit in atti a fol 44 kien inhareg mill-istess Joseph Meli.

c. Emanuel Farrugia (fol 52 et seq ibid) ikkonferma li kien gie inkarigat mill-akkuzat sabiex igorr zebgha permezz ta' van ta' kulur blu numru F7298 minghand id-ditta CMP Ltd. Dan kien ghamlu 'xi tlett darbiet'. L-istess zebgha kienet ittiehdet fi hwienet f'Hal Lija u f'post antik ossija remissa f'Haz Zabbar. Ghandu jinghad ukoll li l-akkuzat qatt ma hallsu ta' dan ix-xoghol.

d. Joseph Meli (fol 55 et seq ibid) ikkonferma li fi spazju ta' zmien qasir, kienu saru tlett serqiet mill-fabbrika tad-ditta imsemmija u li f'wahda minnhom kien ittiehed cheque book mahrug fuq ismu personalment. Muri c-cheque a fol 44 tal-atti hu eskluda li dan kien gie iffirmat minnu waqt li sostna li qatt ma kien hareg cheque favur id-ditta CMP Ltd u li qatt ma kien ra qabel lill-akkuzat presenti fl-awla.

e. Maria Dolores Tabone (fol 57 et seq ibid) impjegata mal-Bank of Valletta Ltd ikkonfermat li ic-cheque a fol 44 tal-atti kien jappartjeni 'qua' in-numru tal-kont bankarju lill-istess Joseph Meli. In oltre, hi sostnit li l-istess cheque ma kienx gie iffirmat minn Joseph Meli.

f. Raymond Aquilina (fol 60 et seq ibid) u li jiggestixxi hanut ta' ironmongery f'Hal Qormi ikkonferma li l-akkuzat, certu Bezzina, kien gie fil-hanut tieghu fit-13 ta' Marzu, 1992. L-akkuzat kien qallu li kellu xi zebgha ghall-bejgh. In oltre barra mill-hanut kien hemm il-van ta' zijuh Emanuel Farrugia (ara fuq). Hu ftiehem mal-akkuzat illi dan ibiegh lilu z-zebgha in kwistjoni bil-prezz ta' LM200 liema ftehim fil-fatt gie esegwit. Sussegwentement, xi jumejn wara kienu gew il-pulizija dwar il-kaz in ezami. In oltre, kien ha lura il-Lm200 inhallsa minnu lill-akkuzat.

g. Saviour Magro (fol 63 et seq ibid) li ukoll jiggestixxi hanut ta' ironmongery f'Hal Lija ikkonferma li f'zewg okkazjonijiet, l-akkuzat kien gie ghandu u offra li jbiegh lix-xhud zebgha tad-ditta C.M.P. Ltd. Di fatti hu kien xtara zebgha minghad l-akkuzat bil-prezz ta' LM200 liema flus gew ukoll ritornati lilu.

h. Anthony Sciberras (fol 65 et seq ibid) impjegat ma' missieru fil-hanut ta' dan bl-isem ta' 'S and L' f'Hal Luqa, ukoll xehed li l-akkuzat kien gie ghandu f'zewg okkazjonijiet u kien xtara, minghand l-akkuzat, kwantita ta' zebgha bil-prezz komplessiv ta' LM300. Anke f'dan il-kaz, l-istess prezz imhallas kien gie imhallas lura, lill-istess xhud.

i. Iz-zebgha kollha li instabet giet fotografata u stmata mill-esperti 'in materia' nominati mill-Qorti (ara fol 76 u 78 tal-atti). Jinghad li b'kollox u esebiti f'dawn l-atti hemm 168 patalott ta' zebgha aventi prezz (cost price) ta' LM579.38,0.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat, kif diga inghad, irrilaxxa zewg stqarrijiet (fol 28 sa 31 tal-atti).

Fl-ewwel wahda, hu stqarr, li kien mar ghand id-ditta CMP Ltd fi tlett okkazjonijiet sabiex jixtri zebgha bi prezz oltre l-Lm1,000 u b'hekk jesegwixxi kuntratt governattiv.

Oltre li kien inghata invoice, in konnessjoni ghall-ammont dovut, hu kien effettwa pagament wiehed permezz ta' cheque mahrug fl-ammont ta' LM300. L-akkuzat kompla jistqarr li l-istess cheque kien iffirmat minn J. Meli ossija l-individwu li kien tah ic-cheque u "li dan hu klijent tieghi u jixtri il-gebel ....." mill-barriera tal-akkuzat, liema Meli kien kiteb fuq l-istess cheque il-figuri u l-isem CMP Ltd.

In rigward l-istess cheque hu sostna li ma kienx misruq u li kien jissarraf waqt li kien minnu li kien qal lil Joseph Grech Sant sabiex "ghal issa" ma jmurx sabiex isarrfu u dan peress li "dan Meli (li lanqas ma kien jaf fejn jirresiedi) ma kellux flus bizzejjed".

Fit-tieni wahda, l-akkuzat xtaq jaghmel “xi tibdiliet” fl-ewwel stqarrija. Hawnhekk hu beda biex jghid li ma kienx minnu li kien inghata xi ‘tender’ governattiv. Izda ammetta li kien mar ghand Joseph Grech Sant u xtara z-zebgha in kwistjoni kif ukoll li kien inkariga lil wiehed ‘Manwel’ sabiex igorrlu l-istess zebgha ‘ghal xi hwienet go hal Qormi u jew Hal Lija”.

In rigward ic-cheque in atti hu stqarr li dan kien imtela minn Joseph Grech Sant waqt li hu, l-akkuzat, ma kienx hu li ffirmah, izda kien diga iffirmat. Hawnhekk hu qal li dan ic-cheque kien sabu, ma’ iehor, fl-art vicin il-Moskea f’Rahal Gdid. In rigward l-invoices in atti, hu stqarr, li kien minnu li kien iffirmahom hu stess. Fl-ahhar nett hu ipprometta li jhallas lid-ditta CMP Ltd fi zmien qasir.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li dan hu kaz car u evidenti ta’ bniedem, ossija l-akkuzat, li kkommetta id-delitt kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ossija ‘truffa’ ghad-dannu tas-socjeta kummercjali imsemmija bl-uzu mhux biss ta’ kliem menzonier, izda ukoll permess ta’ ‘mise-en-scene’ sabiex lilu tigi konsenjata kwantita ta’ zebgha bil-valur hawn fuq imsemmi. Sabiex jottjeni l-iskop tieghu, l-akkuzat ippresenta ruhu b’isem falz residenti f’indirizz fittizju u uza cheque mhux appartenenti lilu izda anke b’firma falza.

Illi sabiex jigi kommess l-imsemmi delitt, l-akkuzat ulterjorment ikkommetta dak kontemplat fl-artikolu 183 u 184 tal-Kodici Kriminali.

Illi inoltre, l-akkuzat ma setax ma kienx jaf li ic-cheque in kwistjoni kien akkwistat b’reat u dan kif kontemplat fl-artikolu 334 tal-istess Kodici.

Illi pero, waqt li l-akkuzat insista li ma kienx involut fis-serq tal-istess cheque, ma instabet jew ma giet prodotta ebda prova li turi ness bejn l-akkuzat u din is-serqa mill-fabbrika ta’ zraben imsemmija, in rigward liema delitt kien kommess bejn sena u nofs qabel l-incident in ezami u ma gie rintraccat ebda rapport

lill-pulizija, u ghal xi raguni mhux cara, ma sar ebda stop payment in konnessjoni mac-cheque book li kien fil-pussess tal-akkuzat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-akkuza ta' serq kif kwalifikat, u tilliberah minnha, issib lill-stess akkuzat hati talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar sentejn qabel ix-xahar ta' Marzu, 1992:

1 Xjentement laqa ghandu, fl-istess zmienijiet u cirkostanzi, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

2 B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh fl-ammont li jeccedi l-LM1,000 bi hsara ta' haddiehor u cioe ghad-dannu tas-sur Joseph Grech Sant minn H'Attard li huwa d-direttur tal-kumpannija bl-isem ta' Central Meditterranean Products Limited li qieghda f'Mill street, hal Qormi billi ffalsifika cheque f'isem J Meli.

3 Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkela billi zied jew biddel il-klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4 Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U dan skond l-artikoli 334, 308, 309, 183 u 184 tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, gew konsiderati is-segwenti:

1. Kif jirrizulta mill-provi il-propjetarji tal-hwienet li lilhom inbieghet iz-zebgha gew risarciti u b'hekk ma sofrewx danni.

2. Jidher ukoll li id-ditta CMP Ltd giet risarcita in parte fi flus kontanti u 'in parte' billi giet ritornata iz-zebgha in kwistjoni (ara fol 84, 85 u 125A tal-atti).

3. Mill-fedina penali jidher li l-akkuzat, fl-istess perjodu tal-kaz in ezami, kien ikkommetta u instab hati ta' delitt simili ghal dawn li taghhom instab hati f'dan il-kaz u kien inghata sentenza sospiza ta' habs.

Mill-premess jidher li tenut kont ta' kollox, piena ta' prigunerija ma hiex rakkommandabbli f'dan il-kaz izda minflok, b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-istess Kodici Kriminali, minhabba li jidher li f'dan il-kaz, gie kawzat dannu li pero, gie rimedjat, jkun opportun li tigi imposta piena pekunjarja.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' LM300 (tlett mitt lira maltin) multa kif ukoll tordna li l-akkuzat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha in konnessjoni ma' nomina u konferma ta' esperti waqt dawn il-proceduri u dan skond l-Artikolu 533 hawn fuq citat.

Alan Calleja
Deputat Registratur

Veru Kopja

Ghar-Registratur.